**– SERVIZZI PROFESSJONALI TA’ *INTERIOR DESIGNING* U *SOURCING OF MATERIAL* –**
**– *OMNIS LABOR OPTAT PRÆMIUM* –**
**– GHALKEMM IDEALI, M’HEMMX HTIEGA TA’ L-ISKRITT FL-APPALT –**
**– PRINCIPJI LI JIRREGOLAW L-APPALT –**
**– KWALITÀ TAX-XOGHOL, DILIGENZA RIKJESTA U TARDIVITÀ FL-EZEKUZZJONI –**
**– *VERITAS UNA VIS, UNA FACIES EST* –**
**– BONA FIDI U KORRETTEZZA F’KONTRATTAZZJONI –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta’ nhar it-Tnejn, 13 ta’ Jannar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **299/2018**

**PERIT CHARLES AZZOPARDI** [K.I. NRU. 8184G]
**U L-PERIT DORIANNE ELLIS** [K.I. NRU. 20184G]

***VERSUS***

**BRIAN ZARB ADAMI** [K.I. NRU. 69973M]

B’Avviz tat-Talba introdott fit-2 ta’ Lulju, 2018, l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u sitta u sebghin ewro (€3,776.00c) u dan wara li ppremettew hekk:

1. Illi l-esponenti huma tnejn socji tas-socjetà civili bl-isem ‘ACT_N Studio’, ezercenti principalment servizzi professjonali ta’ periti u *interior design* u solidament flimkien ghandhom ir-rappreentanza guridika ta’ l-istess socjetà;

2. Illi l-esponenti, principalment l-attur Perit Charles Azzopardi, gie inkarigat mill-intimat sabiex jipprovdilu servizz ta’ *interior design* ta’ villa inkluz konsulenzi b’konnessjoni mal-istess xoghol;

3. Illi l-esponenti Perit Charles Azzopardi ippresta dan is-servizz lill-intimat tant li hu u l-impjegati fl-ufficju tieghu qattghu 'il fuq minn tlett mija u tlieta u tletin (333) siegha fuq dan il-progett ta' dizinn;

4. Illi minkejja li l-esponent u l-intimat ftiehmu fuq rata ta' hlas ta' tmin mitt ewro (€800.00c) eskluz il-VAT, ghal kull karma tal-villa, tant illi huwa kien hallas depositu akkont tal-prezz ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600.00c) u l-VAT relattiv fuq l-istess lill-esponent (vide: *invoice* annessa u mmarkata 'Dok. CA1'), l-intimat irrifjuta li jonora dan il-ftehim meta gie lilu mibghut l-*invoice* finali fl-ammont ta' hamest elef, sitt mija u erbgha u sittin ewro (€5,664.00c), VAT inkluz (ara l-*invoice* hawn annessa u mmarkata 'Dok. CA2');

5. Illi minkejja li l-esponent huwa tal-umili fehma illi l-bilanc finali mitlub huwa wiehed ragjonevoli u gust tenut kont tax-xoghol u s-sighat mahduma, apparti li jinkwadra ruhu fit-termini originarjament mifthema bejn il-partijiet, huwa xorta wahda pprova jakkomoda lill-intimat u b'hekk irriduca l-bilanc finali minn hamest elef, sitt mija u erbgha u sittin ewro (€5,664.00c), VAT inkluz, ghal tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin ewro (€3,776.00c), VAT inkluz (ara l-*invoice* hawn annessa u mmarkata 'Dok. CA3');

6. Illi minkejja din ir-riduzzjoni sostanzjali fil-prezz, l-intimat xorta wahda rrifjuta li jhallas is-somma appena indikata, u cioè dik ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin ewro (€3,776.00c), VAT inkluz u ghadu sal-lum inadempjenti;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din it-Talba kontra l-intimat;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

I. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat ghandu jhallas lill-esponenti is-somma ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin ewro (€3,776.00c), VAT inkluz, kif indikat fl-*invoice* datata s-6 ta' Marzu, 2018 hawn annessa u mmarkata 'Dok. CA3', u rapprezentanti din is-somma l-bilanc finali dovut mill-intimat ghax-xoghol ta' *interior design* u konsulenzi relatati provdut mill-esponenti;

II. Jikkundanna lill-istess intimat ihallas lill-esponenti s-somma hawn fuq indikata fl-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin ewro (€3,776.00c), VAT inkluz.

Bl-ispejjez tal-prezenti, u bl-imghax legali dekorribbli mis-6 ta' Marzu, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie notifikat bl-Avviz tat-Talba fis-7 ta' Lulju, 2018 (ara *a tergo* ta' *fol*. 10) u ressaq Risposta fit-23 ta' Lulju, 2018 (*a tergo* ta' *fol*. 11) fejn eccepixxa hekk:

> Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-inkarigu moghti lill-atturi ma giex espletat bid-diligenza professjonali mistennija minnhom, kienet tardiva, u ta' kwalità inferjuri. Ghalhekk l-esponent qed jirrifjuta li jhallas is-somma pretiza.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 360) u t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali intieri u kif ukoll tas-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difensuri tal-kontendenti[1] u fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 382) il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi pronunzjata fl-udjenza tal-lum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

F'dan il-kaz il-fatti tieghu jistghu jigu deskritti billi jigu katalogati l-aspetti saljenti tieghu kif narrati miz-zewg protagonisti tieghu, ossia li jigu elenkati l-fatti kif deskritti mill-attur u wara jigu katalogati kif spjegati mill-konvenut. Il-htiega ta' din id-duplicità hi importanti fid-dawl tal-pretizi fuq naha u l-allegazzjonijiet fuq in-naha l-ohra u sabiex tohrog id-diversità fl-ottika tal-kontendenti di fronti ghall-istess xenarju fattwali uniku u komuni. Tali differenza tghin biex wiehed jifhem ahjar, *inter alia*, x'qed tippretendi parti u x'qed tikkontesta l-parti l-ohra, l-azzjoni fuq naha u l-qaghda difensjonali relattiva, l-attività ta' l-atturi u r-resistenza ghaliha da parti tal-konvenut.

Il-fatti skond l-attur huma deskritti hekk[2]:

**(a)** deziderevoli li jirranga u jameljora numru ta' kmamar fir-residenza tieghu, il-konvenut avvicina lid-ditta ta' l-atturi sabiex dawn iwettqu xoghol ta' *interior designing*. L-atturi accettaw dan l-inkarigu u jidher li l-ftehim sehh bejniethom ghall-habta ta' Ottubru, 2016.[3]

---

[1] Ara traskrizzjonijiet relattivi *a foll*. 383–390.

[2] Din il-kronologija fattwali hi, primarjament, mahruga mix-xhieda ta' l-attur fl-udjenza ta' l-10 ta' Dicembru, 2018 (*a foll*. 14–24).

[3] *a fol*. 14.

**(b)** In-numru ta' kmamar li l-atturi kellhom jahdmu fuqhom kienu tmienja (8) b'kollox[4] u cioè l-First Floor Master Bedroom, il-First Floor Ensuite Toilet, il-First Floor Family Bathroom, il-Ground Floor Sitting/Dining, Ground Floor Hall, il-Basement Gym, il-Basement Entertainment Room u l-Basement Toilet.[5]

**(c)** L-atturi hargu stima tax-xoghlijiet li kienet ta' €800.00c (VAT eskluza) ghal kull kamra.[6] Il-progett kien prospettat u maqsum fi tlett (3) fazijiet. L-ewwel fazi kienet ta' dizinn (*mood-board and concept*), it-tieni wahda kienet dwar il-provvista ta' dokumenti teknici ghall-kuntrattur/haddiema li eventwalment kienu ser jahdmu fuq il-progett (*production of technical documents*) u l-ahhar fazi kienet dik ta' ezekuzzjoni manwali li fiha l-attur – jekk inkarigat – kellu wkoll jippresta assistenza u supervizjoni fuq ix-xoghlijiet (*execution phase*).[7] L-imsemmija stima, kienet tkopri l-ewwel zewg fazijiet.[8]

**(d)** Il-konvenut hallas depozitu ta' €1,888.00c (VAT inkluza). Dan sehh tramite trasferiment bankarju fit-8 ta' Mejju, 2017.[9]

**(e)** Jidher li kien hemm xi dewmien mill-atturi biex dawn ifornu d-dizinn lill-konvenut (i.e., l-ewwel fazi) tant li l-konvenut kien bghatilhom *ultimatum*.[10] Sussegwentement, l-ewwel zewg fazijiet fuq deskritti tlestew[11] tant illi l-attur ikkonferma li "*jiena sa stage 2 kont wasalt fil-quotation tieghi fil-verità*."[12] Il-pjanti u dizinji relattivi li kienu gew maghmula mill-atturi gew mghoddija lill-konvenut.[13]

**(f)** Fuq dan il-progett, l-attur jghid li qatta' madwar 333-il siegha xoghol.[14] Madanakollu l-pagament ma kienx "on an-hour-basis" izda, kif fuq accennat, bazat fuq "lump sum payment" ta' €800.00c ghal kull kamra.[15]

**(g)** L-ammont finali domandat mill-atturi lill-konvenut kien ta' €5,664.00c (VAT inkluz) izda minhabba xi dizgwid inizjali, biex tinghalaq il-kwistjoni, l-atturi

---

4 *a fol*. 18.
5 *a fol*. 347.
6 *a tergo* ta' *fol*. 14.
7 *a tergo* ta' *fol*. 14. Ara wkoll *email* datata 8 ta' Novembru, 2016 *a fol*. 245.
8 *a tergo* ta' *fol*. 14.
9 *a fol*. 285.
10 *a fol*. 17.
11 *a tergo* ta' *fol*. 17.
12 *a fol*. 18.
13 *a fol*. 20.
14 *a tergo* ta' *fol*. 19.
15 *a tergo* ta' *fol*. 19.

proponew *discount* lill-konvenut, ossia li minflok tmien kmamar b'€800.00c-il wahda, huma naqqsu zewg ikmamar u minn dak l-ammont jitnaqqas id-depozitu inizjali ta' €1,600.00c biex b'hekk l-ammont finali jkun ta' €3,776.00c (VAT inkluz).[16] Madanakollu, il-konvenut irrifjuta milli jhallas tali ammont.[17]

**(h)** In sostenn tat-tezi tieghu, l-attur ressaq lil Sofia Kuzmenco[18], dak iz-zmien impjegata ma' l-atturi.[19] Fost hwejjeg ohra, Sofia Kuzmenco tghid li kienet inkarigata wkoll tippartecipa fil-progett tal-*interior designing* tar-residenza tal-konvenut[20] u tghid illi qattghet madwar 200-il siegha fuq dan il-progett fuq mhedda ta' tmien xhur u li xi drabi "*I used to work for almost a week just straight on that project*" u li "*It was a normal flow like any other project really*."[21] Tghid li kellha varji komunikazzjonijiet mal-konvenut dwar il-progett, kemm *b'email*, kif ukoll bit-telefon u anke personalment[22] u f'tali komunikazzjonijiet kienu jigi skambjati ideat bejn il-partijiet dwar il-progett jew certu aspetti minnu.[23] Tghid ukoll li lil dan il-progett kienu jaghtuh il-priorità mehtiega, ghalkemm kienu qed jahdmu fuq progetti ohra differenti,[24] izda kull meta l-konvenut kien jirrikjedi xi dokument jew pjanta biex jghaddiha lil xi haddiem, hi (jew l-atturi) kienet taghmel hilitha biex taqdih mill-aktar fiss. It-twegiba f'dan ir-rigward kienet tkun tempestiva u xi drabi entro gimgha mir-rikjesta relattiva.[25] Izzid tghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-materjal kien sabu l-konvenut wahdu.[26] Hi spjegat li, "*We used to do certain things we used to give to the client* […] *And then the client would disapprove that, and then the client would go and find something himself; so that's how it happened most of the times*."[27] Sostniet illi tali okkazzjonijiet kienu normali u li "*I would almost say that the client was happy most of the time at least when I communicated with him*."[28]

---

[16] *a fol. 18, a tergo* ta' *fol*. 19 u *a fol*. 20. [i.e., €800.00c x 6 kmamar = €4,800.00c. €4,800.00c – €1,600.00c = €3,200.00c. €3,200.00c + €576.00c VAT = €3,776.00c].
[17] *a tergo* ta' *fol*. 18.
[18] *vide* udjenza ta' l-4 ta' Marzu, 2019 (*a foll*. 249–253 *tergo*).
[19] *a fol*. 249.
[20] *a tergo* ta' *fol*. 249.
[21] *a tergo* ta' *fol*. 250 u *a fol*. 251.
[22] *a fol*. 250.
[23] *a tergo* ta' *fol*. 250.
[24] *a tergo* ta' *fol*. 250.
[25] *a tergo* ta' *fol*. 250 u *a fol*. 251.
[26] *a tergo* ta' *fol*. 251.
[27] *a fol*. 252.
[28] *a fol*. 252.

Is-segwenti huma l-fatti kronologici skond il-konvenut, katalogati b'dan il-mod[29]:

**(a)** Il-konvenut ikkuntattja lill-perit attur wara li f'Ottubru 2016 kien ra xi dizinji minn xi hadd li kien jigi mill-mara ta' l-attur u thajjar jqabdu ghal bicca xoghol f'daru fl-Iklin.[30] Fit-2 ta' Novembru, 2016 ghamel appuntamnt ma' l-attur u precedentement kien batlu xi pjanti b'*email*.[31] Il-partijiet kienu ftehmu li l-atturi jipprovdu d-dizinji dwar il-progett filwaqt li l-ezekuzzjoni taghhom tkun supervizjonata mill-konvenut stess peress li kellu certifikat ta' *project manager* u "*peress li ser inkun qed nahdem mid-dar u dawn il-kuntratturi li ser jahdmu ser jahdmu mid-dar jien ma kelix bzonn project management ghax kapaci naghmlu jien ix-xoghol.*" [32]

**(b)** Fit-8 ta' Novembru, 2017 l-attur baghat *email* bi stima ta' kamra wahda (i.e. kamra tas-sodda) lill-konvenut. L-istima kienet ta' €800.00c (VAT eskluza) ghall-kamra, b'depozitu ta' €400.00c fil-bidu u rimanenti €400.00c fl-ahhar.[33] Dan kien speci ta' *test case* halli jekk joghgbu x-xoghol, il-konvenut imbaghad jara jekk jikkummissjonax il-progett kollu lid-ditta ta' l-atturi.

**(c)** Fl-*email* tal-konvenut lill-attur datat 9 ta' Novembru, 2016 il-konvenut jaghmel premura lill-attur li, "*For me to be comfortable to proceed I would require a timeline as we are a little particular on the timing. Ideally this project would be completed with all trades out of the house by end February* [2017]."[34] Wiehed hawn irid jirrileva li l-partijiet kienu qed jitkellmu fuq xoghlijiet fuq il-kamra tas-sodda u *ensuite* biss u mhux fuq ir-rimanenti sebat ikmamar l-ohra. L-ghada, l-10 ta' Novembru, 2016 l-attur baghat jirrispondih u qallu li kien naqra impossibbli li x-xoghol jitlesta kompletament sa Frar, 2017 peress li "*December and the first half of January is practically a stop period, because most Italian suppliers shut down*" izda proponielu certu alternattivi sabiex ix-xoghol jimxi b'pass affrettat kemm jista' jkun.[35] Ghal dan, il-konvenut qabel.[36]

---

[29] Din il-kronologija fattwali hi, primarjament, mahruga mix-xhieda tal-konvenut fl-udjenza ta' l-4 ta' Marzu, 2019) (*a foll*. 254–265).
[30] Inkarigah ghal "*interior design and sourcing of materials*" (ara *a fol*. 361).
[31] *a tergo* ta' *fol*. 254 u *vide* dokument ezibit *a fol*. 266.
[32] *a tergo* ta' *fol*. 254.
[33] *a fol*. 267.
[34] *a fol*. 268.
[35] *a fol*. 269.
[36] *a fol*. 255.

**(d)** Fid-19 ta' Jannar, 2017 il-partijiet iltaqghu u d-dizinn tal-kamra tas-sodda bil-kamra tal-banju maghha ghogob lill-konvenut u lil martu u allura ddecidew jikkummisjonaw lill-atturi bil-progett intier.[37] Dan ifisser, skond kif sostna l-istess konvenut, illi, "*wara d-19 ta' Jannar, 2017 il-perit kien jaf li ghandu dan l-inkarigu ghal progett shih*."[38]

**(e)** Wara d-19 ta' Jannar, 2017, il-konvenut baghat *email* lill-attur fis-7 ta' April, 2017 jistaqsih dwar il-progett[39] u l-attur bghatlu lura fil-11 ta' April, 2017 li ma kienx hadem fuq il-progett peress li kien qed jistenna xi dettalji minghand il-konvenut u ghax kien ukoll impenjat b'xoghol iehor, izda talbu biex jikkonfermalu jekk il-progett setax jibda'.[40]

**(f)** Ukoll fil-11 ta' April, 2017 l-attur talab il-*billing* details tal-konvenut[41] u l-konvenut bghathomlu l-ghada.[42] Fis-26 ta' April, 2017 il-konvenut baghat *email* bhala *pro memoria* lill-attur jekk dan kienx ircieva d-dettalji dwar *billing* mibghuta b'*email* fit-12 ta' April, 2017 u l-attur wiegbu dakinhar stess fejn bghatlu Request for Payment (RFP).[43] RFP originarjament spedita hi ezibita *a fol*. 283 u dik emendata skond ix-xewqa tal-konvenut ezibita *a fol*. 284.[44] Wara din l-ahhar RFP il-konvenut baghat il-flus fl-ammont ta' €1,888.00c [€1,600.00c + €288.00c VAT].[45] Dan sehh tramite trasferiment bankarju fit-8 ta' Mejju, 2017.[46]

**(g)** Madwar xahar wara tali pagament il-konvenut ikkomunika mal-attur b'*email* datata 7 ta' Gunju, 2017[47] biex jistaqsi dwar il-progress fuq il-progett u fit-8 ta' Gunju, 2017 l-attur talbu ftit aktar zmien peress li kellu xi kwistjoni ma' impjegat inkarigat jahdem fuq il-progett.[48] Fit-30 ta' Gunju, 2017 il-konvenut rega' baghat jistaqsi lill-attur dwar l-andament tax-xoghol[49] u fit-18 ta' Lulju, 2017 l-attur wiegbu lura b'*email* li maghha kien hemm id-dizinji tal-kamra tas-sodda.[50]

---

[37] *a fol*. 255.
[38] *a tergo* ta' *fol*. 255.
[39] *a fol*. 279.
[40] *a fol*. 279.
[41] *a fol*. 279.
[42] *a fol*. 280.
[43] *a fol*. 280.
[44] L-ammont fiz-zewg RFP's huwa l-istess (i.e., €1,888.00c). Dak li huwa differenti huwa d-deskrizzjoni tas-servizzi rezi.
[45] *a tergo* ta' *fol*. 256.
[46] *a fol*. 285.
[47] *a tergo* ta' *fol*. 256 u *a fol*. 286.
[48] *a fol*. 286.
[49] *a fol*. 287.
[50] *a fol*. 288 (dizinji relattivi ezibiti *a foll*. 289–298).

**(h)** Fid-19 ta' Lulju, 2017 il-konvenut baghat *email* ohra lill-attur fejn wera' t-thassib tieghu li x-xoghol miexi b'pass bil-mod.[51] Dakinhar stess, l-attur baghat *email* b'xi kummenti tieghu dwar certu kweziti mqanqla mill-konvenut u kif ukoll b'xi *website links* ghal certu ideat li setghu jigu addottati ghall-progett.[52] F'tali korrispondenza wiehed isib it-thassib tal-konvenut dwar dewmien fejn xtaq "*some personal attention so that we can conclude the project*" u fejn l-attur serrahlu rasu illi, "*Now that we started, we won't leave it there*."[53]

**(i)** Fl-20 ta' Lulju, 2017 il-konvenut baghat *email* lill-attur b'dizinji ta' kamra tas-sodda iddizinjata minn ditta Taljana (Interni Attaguile).[54]

**(j)** Fil-5 ta' Awwissu, 2017 il-konvenut baghat *ultimatum* lill-attur fejn talbu d-dizinji tal-progett kollu u fin-nuqqas "*please consider our relationship terminated*."[55] Sa dan l-istadju l-attur kien baghat biss id-dizinn tal-kamra tas-sodda u l-*ensuite* liema dizinji l-konvenut ma kinux ghogbuh tant li kien bghatlu dizinji ohra ta' ditta Taljana kif appena intwera fil-punt precedenti.[56] Jumejn wara l-attur wiegeb lill-konvenut b'*email* fejn qallu li kien jifhem il-posizzjoni tal-konvenut imma "*by end next week we will be on track on a good relationship*"[57] u dakinhar stess il-konvenut wiegbu lura jghidlu illi, "*I really want to work with you (as I said I like your ideas and work) but understand that I cannot keep living in limbo*"[58] u ghal din l-ahhar *email* l-attur irrisponda fl-istess gurnata jghidlu "*I am sure you will be one of the clients who will refer my services to others (saying 'imma taghni naqra torturi')*."[59] Fil-11 ta' Awwissu, 2017 l-attur bghat *email* lill-konvenut[60] b'numru ta' *attachments* li juru kuncetti dwar l-arredar ta' xi kmamar.[61]

**(k)** Fid-29 ta' Awwissu, 2017 id-ditta ta' l-atturi bghatu *email* dettaljat lill-konvenut dwar l-oggetti (*fittings*) ta' zewg ikmamar tal-banju[62] u l-konvenut

---

[51] *a fol*. 257 u *a fol*. 299.
[52] *a foll*. 300–302.
[53] *a fol*. 302.
[54] *a tergo* ta' *fol*. 257 (dizinji relattivi *a foll*. 303–306). L-implimentazzjoni attwali ta' tali dizinji tidher murija fit-tlett (3) fotografiji ezibiti mill-konvenut *a fol*. 307 (ara wkoll *a fol*. 258).
[55] *a fol*. 258 u *a fol*. 308.
[56] *a fol*. 258 u *a tergo* ta' *fol*. 258.
[57] *a tergo* ta' *fol*. 259 u *a fol*. 309.
[58] *a fol*. 310.
[59] *a fol*. 311.
[60] *a fol*. 313.
[61] *a foll*. 314–319.
[62] *a foll*. 323–324.

ikkumplimentahom b'*email* fl-istess gurnata fejn qalilhom "*This is why I came to you! Exactly what I was after in terms of help*."[63]

**(l)** Fit-18 ta' Settembru, 2017 il-konvenut baghat *email* lill-assistenta ta' l-attur (Sofia Kuzmenco) fejn irringrazzjaha ta' l-energija li qed tinvesti fil-progett u staqsiha wkoll xi kweziti dwar il-kmamar tal-banju. Fiha infurmaha wkoll li "*We also ordered the furniture from the Italian supplier for the bedroom, sitting room and dining room. Many are things you recommended but I think we better show you*."[64]

**(m)** Fl-4 ta' Ottubru, 2017 id-ditta ta' l-atturi bghatet *email* lill-konvenut tistaqsih ghal *update* fuq il-progress tal-progett u l-konvenut wiegeb illi kien imsiefer u kien sejjer iwiegeb il-gimgha ta' wara.[65] Fis-16 ta' Ottubru, 2017 l-istess ditta bghatet *email* lill-konvenut tistaqsih ghal *update* dwar il-progress tal-progett.[66]

**(n)** Fil-11 ta' Novembru, 2017 il-konvenut baghat *email* biex jistaqsi dwar id-dwal (*light fittings*) u staqsa hekk: "*For the lighting decisions are you waiting for us or we for you please?*"[67] F'tali perjodu, kien hemm kwistjoni dwar linfa[68] illi l-konvenut ma qabilx ma' dak suggerit mill-atturi u spicca biex ordnaha hu stess direttament minghand is-*supplier* Franciz.[69]

**(o)** Fit-3 ta' Dicembru, 2017 il-konvenut rega' kkomunika mal-atturi u staqsihom dwar certu aspetti tax-xoghol tal-*gypsum* lilu propost. Hu kiteb illi "*I have received the quote for the Gypsum works as per the designs you sent however* [...] *we are missing the shelves in the dining room and also the profiles.*"[70] It-twegiba relattiva inghatat fil-15 ta' Dicembru, 2017.[71]

**(p)** Fit-8 ta' Jannar, 2018 il-konvenut bghat jistaqsi ghal xi oggetti dwar il-*plumbing* u d-dizinji marbuta mal-mizurazzjonijiet ghall-mastrudaxxa dwar il-*vanities* f'kamra tal-banju.[72] It-twegiba giet l-ghada 9 ta' Dicembru, 2018 fejn Sophia Kuzmenco gharrfitu li "*we will be sending you requested*

[63] *a fol*. 325.
[64] *a fol*. 326.
[65] *a fol*. 331.
[66] *a fol*. 336.
[67] *a fol*. 337.
[68] Ritratt ezibit *a fol*. 338.
[69] *a tergo* ta' *fol*. 262.
[70] *a fol*. 339.
[71] Ara risposta fl-*email a fol*. 341.
[72] *a fol*. 345.

*drawings by the end of today or latest tomorrow mid-day*."[73] Fis-27 ta' Jannar, 2018 il-konvenut baghat *reminder* dwar l-*email* tieghu tat-8 ta' Jannar, 2018.[74]

**(q)** Wara tali stadju, fi kliem l-istess konvenut "*qtajt qalbi; komplejt ghal rasi" u "Minn l-affarijiet li tani l-perit bdejt nuza l-bicciet*."[75]

**(r)** Imbaghad, fis-6 ta' Marzu, 2018, il-konvenut ircieva *email* mill-atturi fejn dawn indikaw l-ammont ta' €4,800.00c (VAT eskluza) ghas-servizzi rezi ghat-tmien kmamar.[76] Il-konvenut ikkustinja fuq tali cifra ghax haseb li l-ammont ta' €1,888.00c (imsemmi *supra*) li kien hallas bi trasferiment bankarju kien ikopri kollox. L-atturi bghatu *email* iehor fl-istess gurnata fejn infurmawh bil-ftehim taghhom inizjali li kull kamra tkun tiswa €800.00c u li l-ammont ta' €1,888.00c minnu mhallas kien jirraprezenta depozitu akkont. Qalulu wkoll li kien minnu illi, "*we started the work 5 months late*" imma "*from then onwards we did everything within timeframes, anzi, we tackled every issue immediately.*" Fl-istess *email* l-atturi qalulu inoltre li, "*But in view of the fact that I failed to start immediately and that I did not tell you immediately and in advance of the raising costs from my part, I am proposing to remove both the HALL at Ground Floor and the Basement Entertainment Room from the quotation, hence reducing the requested amount by 1,600.00*."[77] Dakinhar stess il-konvenut wiegeb tali *email* billi sostna li l-atturi kellhom javzawh minn qabel bl-istima komplessiva tal-progett intier ghax "*Had I known I would have budgeted differently*" u "*Please send me an invoice with a figure that you are happy to close in full and final settlement between our two parties.*"[78] Tali cifra, €3,200.00c (VAT eskluza), intbaghtet lill-konvenut b'*email* tat-8 ta' Marzu, 2018[79] u l-konvenut wiegeb lill-atturi li kien ser jiehu parir legali dwarha "*to draw up an agreement between both parties that this €3,200 closes any dealings between the two of us and the €3,200 is in full and final settlement and closes the relationship between us*."[80] F'*email* ohra ta' l-istess data l-konvenut kiteb lill-attur li hu ma kienx ser jutilizza s-servizz tad-ditta ta' l-atturi aktar u li "*Once the agreement is signed I will send the requested*

[73] *a fol*. 345.
[74] *a fol*. 346.
[75] *a tergo* ta' *fol*. 263.
[76] *a fol*. 347.
[77] *a fol*. 350.
[78] *a fol*. 351.
[79] *a fol*. 351.
[80] *a fol*. 352.

*€3,200 and the matter ends there*."[81] L-attur wiegeb fl-istess gurnata fejn infurmah li, "*I hereby give you permission to send our exchange to your lawyers/legal representatives*."[82]

**(s)** Sussegwentement, fl-20 ta' April, 2018, il-konvenut gharraf lill-attur li, wara li kien ha parir legali, "*I don't believe that your request is lawful*" u li "*you are free to take legal action which I will be more than happy to make my case in front of the courts*."[83]

Esposti dawn iz-zewg perspettivi tal-kontendenti, in brevi, l-odjerna kawza tista' tigi migbura fuq zewg binarji distinti izda intimament konnessi: fuq naha hemm il-pretiza attrici, fondata, b'mod generali, fuq il-principju ta' "omnis labor optat præmium" li tfisser illi x-xoghol prestat ghandu jigi rikompensat ("ogni fatica merita ricompensa"), filwaqt li fuq in-naha l-ohra hemm il-konvenut li jinsab jirrezisti tali pretiza minhabba t-tardività fl-ezekuzzjoni ta' l-adempiment tal-professjonist inkarigat u anke l'ghaliex – kif hareg fil-kors tal-procediment – hu kien hallas kollox lill-atturi ghas-servizzi taghhom.

Qabel kull approfondiment fil-fattispecji fattwali ta' dan il-kaz, it-Tribunal jehtieg jissenjala certu principji gwida ghal dan il-kaz, liema principji jiddefinixxu l-istanza attrici u kif ukoll id-difiza tal-konvenut.

Il-principji pertinenti u rilevanti huma dawn:

**(a)** Huwa bil-wisq naturali li l-legam li jorbot lill-partijiet *de quo* hu avvolt fl-istitut ta' l-appalt li l-Kodici Civili jiklassifikah fix-xenarju ta' meta persuna tigi mqabbda ghal xi xoghol, fejn jigi "*miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal*" (*ex* Art. 1633). F'dan il-kaz, u bhala fatt, jinsab indiskuss li l-konvenut kkummissjona u qabbad lill-atturi biex dawn ta' l-ahhar, bl-adoperu ta' l-esperjenza taghhom fil-qasam, tal-proprji mezzi teknici u anke tas-servizzi professjonali taghhom, jezegwixxu obligazzjoni billi jintraprendu u jwettqu opra (i.e., dizinn) a bazi ta' specifikazzjonijiet specifici rikjesti jew deziderati mill-konvenut. Il-konvenut ma' talabx oggett komuni u *standard* mill-atturi, izda oggett b'individwalità propria, li kellu jigi progettat u ddizinjat appozitament ghall-ezigenzi personali tieghu. Dan in-negozju interkorrenti bejn il-partijiet jersaq lejn l-appalt, li jista' jigi definit hekk: "*l'appalto è un contratto ad effetti non diciamo esclussivamente, ma certo prevalentemente obbligatori*" (**Domenico Rubino**, "L'Appalto", UTET 1958, 3ª edizione; §13, p. 20).

[81] *a fol*. 353.
[82] *a fol*. 353.
[83] *a fol*. 354.

Jizdied jinghad illi, "*la pincipale obbligazione dell'appaltatore è un'obbligazione di fare (l'opera o il servizio)*" li tiddistingwi ruhha minn dik tal-venditur fil-bejgh, fejn "*la principale obbligazione del venditore è una semplice obbligazione di consegnare (la cosa)*" (*ibid*., p. 21);

**(b)** in vena generali, il-vinkolu t'appalt ma jehtiegx il-forma skritta sabiex jezisti u jorbot lill-partijiet. Skond id-duttrina, "*A differenza degli appalti pubblici, che rimangono soggetti a complessi requisiti di forma, sia per la conclusione del contratto che durante l'esecuzione, nulla dispone la legge circa la forma degli appalti privati. Quindi, applicando i principii generali, se ne ricava che di regola qui vige la libertá di forma, e il contratto d'appalto, anche nel caso di appalti a forfait, può essere concluso, oltre che per atto pubblico e per scrittura privata, anche oralmente* " (**DOMENICO RUBINO**, *op.cit.*, §44; p. 89). Insibu wkoll mghallem li, "*L'appalto è un contratto consensuale che si perfeziona, secondo le regole del diritto commune, nel momento in cui il proponente ha conoscenza dell'accettazione dell'altra parte. Il momento perfezionativo di un contratto dipende così normalmente dal raggiungimento di un completo accordo fra committente ed appaltatore, accordo che tocca non solo gli elementi essenziali, ma anche quelli secondari ed accessori, nonché tutte le modalitá di esecuzione. La conclusione dell'accordo può essere preceduta da trattative, nel corso delle quali il futuro appaltatore può predisporre dei «preventivi» ... Non è escluso, inoltre che il contratto d'appalto – qualora non sia richiesta una forma particolare – possa concludersi tacitamente attraverso l'inizio di esecuzione di una prestazione tipica* " (**RUBINO-IUDACA**, "Appalto", Zanichelli editori, 2007; p. 90);[84]

**(c)** ix-xena guridika domestika hi analoga ghal dik fuq imfissra. Il-Kodici Civili domestiku, senjatament fil-hdax id-disposizzjoni dwar l-istitut tal-appalt (Art. 1633–1643)[85], ma jitkellimx, *inter alia*, fuq il-forma illi ghandu jiehu l-kuntratt *de quo* sabiex jitnissel jew biex jigi perfezzjonat. L-Art. 1233(1) tal-Kodici Civili – li jelenka l-kuntratti li ghandhom jiehdu l-forma skritta – ma jannoverax il-kuntratt ta' appalt fl-elenku tassattiv tieghu. Ghalhekk, peress li *quod lex voluit, lex dixit*, japplikaw ir-regoli generali fuq riportati mid-duttrina estera.[86] Dawn il-precetti u

[84] Il-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana wkoll hadnet tali perspettivi dwar il-forma tal-kuntratt ta' appalt. Fil-kawza **Ferone *c.* Giordano** (*cass. civ*. 6 ta' Gunju, 2003; kaz nru. 9077) intqal li, "*La stipulazione del contratto di appalto non richiede quale requisite la forma scritta né ad substantiam né ad probationem*." L-istess kienet id-decizjoni fl-ismijiet **Nibali *c.* Giampietro** (*cass. civ*. 16 ta' Lulju, 1983; kaz nru. 4911). Dawn ir-referenzi huma mehuda mill-opra ta' **MAURO RUBINO-SAMMARTANO** intitolata "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi" (CEDAM 2ª edizione, 2006; pp. 91–92).

[85] Kif esprimiet ruhha l-ewwel qorti *in re* **Joe Xerri et v. Caruana & Cini Company Limited et** (Appell Superjuri, 19 ta' April, 2012), il-ligi hi akwantu siekta dwar din it-tematika.

[86] Jigi mfakkar li fin-nuqqas ta' lluminazzjoni mil-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi*

normi gew abbraccjati mill-qrati taghna. Ezempju ta' dan hija s-sentenza preliminari *in re* **Victor Portelli v. Mark Psaila** (Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003) fejn inghad illi, "*Il-ligi ma titlobx li ftehim ta' appalt irid ikun bil-miktub biex ikun jghodd*." Interessanti hija sentenza *in re* **George Sladden v. Lonza Agius** (Appell Superjuri, 7 ta' Lulju, 2006) fejn il-Qorti tenniet tghid – b'referenza ghas-sentenza **Nazzareno Vassallo noe v. Edward Maggi** (Appell Civili, 13 ta' Frar, 1997) – illi kien ikun deziderabbli li l-appalt konferit jigi ridott ghall-iskritt sabiex jigi evitat dizgwit dwar dak illi effettivament gie mifthiem bejn il-partijiet ghalih (kif inhu l-kaz odjern). Il-forma skritta mhux mehtiega *ad validitatem* ghall-perfezzjonament ta' kuntratt jew relazzjoni ta' appalt, izda tali forma hi metodu li taghti dimensjoni ferm aktar kristallina ta' dak li dwaru l-partijiet ikunu ftehmu u l-istipulazzjonijiet reciproci;

**(d)** fid-duttrina akkreditata in materia nsibu mghallem li, "*Per sintetizzare il contenuto dell'obbligazione di esguire l'opera, a priori e in linea generale, si può dire solo che l'appaltatore deve eseguire l'opera in conformitá delle condizioni stabilite nel contratto e secondo le regole dell'arte … Le regole dell'arte, invece, sono i criteri generali che la tecnica detta per quel dato genere di lavori … Esse*

---

*eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et vs. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez.* Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez.* Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez.* Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta*, komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan*, promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 – Decisione N° 346 riportata f'*Kollez.* Vol. VII(B)–421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 – Decisione N° 334 riportata f'*Kollez.* Vol. VII(B)–401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (1801–1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq.*]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle* ***opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali***." [enfazi mizjuda]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata « DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE », Art. 12, 2° comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, N° 3 – disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

*quindi debbono essere osservate anche se nel contratto non siano state appositamente richiamate; se poi lo sono state, valgono a doppio titolo. Le regole dell'arte concernano non solo la sicurezza, la stabilitá e l'utilizzabilitá dell'opera, ma anche la forma e il lato estetico, nei casi e nei limiti in cui anche questi ultimi fattori vengono in considerazione*." (**Domenico Rubino**, *op. cit.*, §116, pp. 193–194). Inoltre, "*l'appaltatore deve attenersi a quelle regole dell'arte che vigono nell'epoca in cui l'opera viene eseguita*" (**Domenico Rubino**, *op. cit.*, §117, p. 195). F'din il-vina, il-Qrati taghna affermaw illi, "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacitá ordinaria*" (decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol.XXVII-I-373**). Dan fis-sens l-appaltatur "*ghandu jiggarantixxi l-bontá tax-xoghol tieghu*" (decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol.XL-I-485**);

**(e)** ghal dik li hija l-obbligazzjoni principali ta' l-appaltatur – u in kollegament ma' dak appena mfisser *supra* – din tista' tigi deskritta bhala wahda indivizibbli u teknika, ossia "*Indivisible perchè l'adempimento del contratto si ha solo in presenza di una esecuzione integrale dell'opera; tecnica perchè l'opera da eseguirsi deve, oltre che essere conforme alle prescrizione contrattuali, anche adeguarsi alle regole dell'arte*" (**Giuseppe Musolino**, "La Responsabilitá dell'Appaltatore", Maggioli Editori 1997, 2ª edizione, p. 33). Dwar in-normattiva ta' "regola dell'arte" jinghad illi din timplika "*le cognizioni generali di una certa disciplina tecnica che, in relazione al genere di lavoro assunto, si suppone che l'appaltatore conosca. Tali regole non sono in sè e per sè anche norme giuridiche, ma lo diventano quando la legge rimanda ad esse, obbligando, come nel contratto de quo, alla loro osservanza … esse non vanno, comunque, intese in modo assoluto (con esclusivo riferimento ai criteri generali della tecnica) e con portata invariabile, dovendo, invece, adeguarsi alle esigenze e agli scope cui l'opera è destinata second la sua funzione tipica ed a quegli altri rizultati menzionati o impliciti nel contratto come elementi rilevanti*" (**Giuseppe Musolino**, *op. cit.*, pp. 33–34). In aggjunta, "*nel concetto di esecuzione a regola d'arte non rientrano solo i criteri generali della tecnica per quell tipo di lavoro, ma anche quei pregi di estetica e di forma che sono stati presi in considerazione nel contratto o che si desumono dale finalitá cui normalmente l'opera serve*" (*ibidem* p. 34). F'dan ir-rigward, il-**Qorti ta' Kassazzjoni Civili** Taljana [*Cass*. *Civ*. 2 ta' Gunju, 1993; numru 6171 u *Cass*. *Civ.* 7 ta' Mejju, 1976; numru 1606] esprimiet ruhha hekk: "*Dal fatto che l'appalto ha per oggetto l'espletamento di un'attivitá da eseguire a regola d'arte con l'ausilio di regole tecniche, si trae anche il principio secondo cui l'esecuzione dei lavori non solo deve avvenire con l'osservanza della perizia che inerisce a ciascun campo di attivitá, ma pure l'impostazione dell'opera stessa, nella sua progettazione e nelle line direttrici generali, deve*

*rispondere ad una funzionabilitá e utilizzabilitá tali da non renderla superflua*" (*cfr*. **GIUSEPPE MUSOLINO**, p. 34; *footonote* nru. 20);

**(f)** ghal dak illi ghandu x'jaqsam mad-diligenza prestata mill-appaltatur fl-ezekuzzjoni ta' l-*opus* li hu jigi kkummissjonat iwettaq, din ghandha tkun ta' missier tajjeb tal-familja, figura guridika riskontrata fl-Artt. 1032(1) u 1132(1) Kodici Civili. Madanakollu, tali diligenza, hi wahda kwalifikata stante illi mhux mistennija diligenza ta' persuna medja illi hi profana fl-espletament ta' l-appalt intrapriz. Dak li hu rikjest, izda, hija diligenza ta' appaltatur ordinarju u medju, li hu versat fil-qasam u xoghol in kwestjoni. Fi kliem iehor, fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni inerenti ghall-ezercizju ta' xi attività professjonali, id-diligenza trid tigi valutata b'rigward ghan-natura ta' l-attività ezercitata. Dan jinghad ghax, "*In realtá, il bonus paterfamilias esprime sì una media, però non assoluta ma relativa: cioè non designa la diligenza prestata dalla media di tutti gli uomini indistintamente, ma la diligenza prestata dalla media di quegli uomini che si trovino o che potrebbero trovarsi nella medesima situazione obiettiva concreta di quel determinato debitore e nelle medesime circostanze (ad esempio, la diligenza che in pratica sarebbe spiegata dalla media degli appaltatori che costruiscono una similie opera per quell determinato prezzo)*." (**DOMENICO RUBINO**, *op. cit.*, §117, p. 195). U ghalhekk, ikompli dan l-awtur, "*non si può parlare di una perizia del buon padre di famiglia; ma si può sempre parlare di una perizia media, intendendo così quella che deve essere prestata da un appaltatore di capacitá media*." (*ibid.*, §118, p. 198). Addizzjonalment, "*la perizia che si può pretendere dall'appaltatore è anche in ragione dell'ammontare del prezzo: come è giusto che chi è piú bravo si faccia pagare di piú, così è giusto che chi paga molto abbia diritto di attendersi una proporzionata capacitá nel professionista, e viceversa*." (*ibid.*);

**(g)** min-naha l-ohra, l-obbligazzjoni tal-kommittent jidher illi hija principlament dik li jhallas lill-appaltatur ghall-*opus* maghmul. Madanakollu, f'dan l-ambitu, ghalkemm il-pagament hu l-essenza ta' l-obbligazzjoni tal-kommittent, f'tali obligazzjoni generika jidhlu sfumaturi t'obbligi ohra ancillari, specifici, necessarji u importanti. F'dan is-sens insibu affermat illi, "*varie altre obligazioni ha il committente, dirette a consentire all'appaltatore l'esecuzione dell'opera, quali la consegna dell'area sulla quale deve essere eseguita l'opera (destinata ad accogliere l'opera, macchinari, materiali, uffici, alloggi degli operai), e l'obbligo di ottenere gli eventuali consensi necessari per l'accesso dell'appaltatore al cantiere … Il committente dovrá altresì tutelare l'appaltatore da molestie o pretese di terzi relative al suolo consegnatogli. Da tali numerose obligazione si può astrarre un'obbligazione generale del committente di mettere l'appaltatore in grado di eseguire l'opera*" (**MAURO RUBINO-SAMMARTANO**, "Appalti di Opere e

Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2ª edizione; §21.4, p. 489). Fid-decizjoni fl-ismijiet «**Robotti *contro* Societá Edilberton**» (*Cass. Civ*. tat-22 ta' Mejju, 1998 numru 5112) intqal li, "*Tra le obbligazioni che scaturiscono come effetti naturali, del contratto di appalto, vi è qualla, gravante sulla parte committente, di assicurare all'appaltatore fin dall'inizio del rapporto, e per tutta la durata di questo, la possibilitá giuridica e concreta di eseguire il lavoro affidatogli*" (*cfr*. **RUBINO-SAMMARTANO**, *op cit*., p. 490) u f'dik fl-ismijiet «**Societá Costruzioni Bartoletti *contro* Anas**» (Coll. Arb. ta' l-10 ta' Gunju, 1994) fejn gie ritenut illi, "*Incombe in genere sul committente un dovere di cooperazione al buon andamento dell'appalto, che si esprime attraverso una diligente attivazione per la rimozione di qualsiasi impendimento che, ostacolando la reale disponibilitá dell'area di sedime, ingegneri ritardi e disorganizzazzione di cantiere*" (*ibid.*).

Tali sudetti principji u riflessjonijiet ghandhom jigu rimossi mill-isfera generali u astratta taghhom biex jigu applikati ghall-fattispecji partikolari u konkreti tal-vertenza odjerna.

Jinghad mill-ewwel li l-problematika evidenti u primarja f'dan il-kaz kienet illi l-partijiet wasslu ghal ftehim dwar ghotja ta' servizzi minghajr ma ddefinew bl-iskritt dak li kellu ezattament jitwettaq, f'liema perjodu ta' zmien u b'applikazzjoni ta' liema rata jew rati precedentement konkordati. Kollox thalla fi stat kemmxejn fluwidu, fejn kull parti kellha impressjoni tal-ftehim milhuq bil-fomm (u tramite serje interminabbli ta' korrispondenza elettronika), bla ebda skrittura – anke jekk mhux necessarjament dettaljata – li tiddefinixxi r-responsabbilitajiet u/jew l-obbligazzjonijiet reciproci tal-partijiet, ghal xiex parti kellha tassoggetta ruhha, r-rata tas-servizzi maqbula, *time-frames* specifici u oggetti ohra simili, relatati u rilevanti. Dan hu kaz klassiku fejn issib perfettament postha l-aforisma "verba volant, scripta manet". Kien ikun ferm ahjar ghall-kontendenti li kieku kitbu dak li fthemu dwaru halli "*patti chiari, amicizia lunga*" u b'hekk jigu evitati malintizi, ekwivoci, interpretazzjonijiet suggettivi u litigji.

Madanakollu, b'dan maghdud, mill-provi rakkolti ghat-Tribunal jirrizulta dan:

Bla dubju s-servizz inghata mill-atturi lill-konvenut u huwa inverosimili li l-konvenut tassew haseb illi l-ammont ta' €1,888.00c kien ikopri l-progett kollu, ossia li dak kien il-prezz ghas-servizzi ta' l-atturi ghad-dizinn ta' tmien kmamar. Dan aktar u aktar fid-dawl ta' dak specifikat fl-*email* ta' l-attur lilu datat 8 ta' Novembru, 2016 li juri bic-car li l-kamra tas-sodda kienet *test case* u wara jimxu ghall-progett kollu. Tali *email* jaghmilha alkwantu cara li c-cifra kwotata ta' €800.00c hi ghal *bedroom* u *ensuite* u infatti fih hemm miktub hekk: "*Going back to the bedroom, I am hereby proposing a fee of €800.00 for phase 1 and 2. I*

*believe that with only the bedroom, Phase 3 does not make sense so I am proposing that if the rest of the project is commissioned, then I can give you a quote accordingly, if required. In relation to phase 1 and 2, if we are commissioned the rest of the project, I will be able to better define the 2 phases better*."[87] Inoltre fl-email ta' l-attur lill-konvenut tal-11 ta' April, 2017[88] l-attur stess jitkellem dwar "*preliminary bill*". Dan ifisser li l-ammont ta' €1,888.00c ma kienx destinat ghall-progett shih.

Addizzjonalment, it-Tribunal jemmen li individwu bil-*background* u l-esperjenza tal-konvenut kellu jassumi li tali cifra ma kinitx tirrispekkja s-servizz li kien qed jippretendi u jistenna.[89] Jekk iva, il-kwistjoni tad-dewmien li assidwament jilmenta minnha kellha tkun minnu mistennija ghaliex kif inhu maghruf, il-kwalità ghandha certu prezz (u allura trid tistenna ghaliha) u anke ghax kif jghid il-Malti, "l-irhis huwa ghali".[90]

Kien hemm indikaturi li juru li l-imsemmi ammont ta' €1,888.00c ma kienx ikopri l-progett intier u individwu bhal m'hu l-konvenut kellu jkun konsapevoli ta' dan. Ghat-Tribunal il-konvenut ma jistax jitwemmen li fil-verita' haseb li c-cifra ta' €1,888.00c kienet tikkomprendi kollox, tant illi b'inizjattiva proprja u volontarjament, il-konvenut prova jitransigi l-kwistjoni u propona li jsehh ftehim fl-ammont ta' €3,200.00c ghas-saldu halli l-istorja tieqaf darba ghal dejjem. Id-domanda naturali li wiehed jistaqsi hija din: kif qatt xi hadd li verament jemmen li hallas kollox, jaqbel li jhallas ammont iehor addizzjonali u jissuggerixxi li ssehh skrittura f'dan is-sens? Il-bwon sens jiddetta li jekk wiehed verament jemmen li hallas kollox, hu assidwament u konsistentement jibqa' juri dan.

Inoltre, lanqas wara li l-materja giet dinanzi dan it-Tribunal ma giet sollevata difiza formali f'dan ir-rigward, ossia l-eccezzjoni tal-pagament *a saldo* u cioè li l-atturi kienu thallsu kollox mill-konvenut. Dwar dan it-Tribunal jara opportuna r-

---

[87] *a fol*. 245.
[88] *a fol*. 244.
[89] Jinsab ritenut illi, "*When a court takes note of a witness's demeanour it is in effect observing for itself an evidentiary fact. The demeanour is an item of information from which inferences may be drawn about the probative value of the testimony … Accordingly, demeanour is rightly treated as an item of real evidence analogous to the appearance of persons and the observable qualities of an object*" (**Ian Dennis**, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; §12.17, p. 516). Addirittura, u kif insenjat, "*Il desumere argomenti probatori dal comportamento processuale delle parti costituisce un potere discrezionale del giudice del merito*." (decizjoni tal-Qorti Civili ta' Kassazzjoni datata 12 ta' Jannar, 1977 fl-ismijiet 'Volpini *contro* Trementozzi' – silta mehuda minn "**Massimario della Giurisprudenza Italiana**" Anno XVLII – 1997; UTET 1979, massima nru. §152 riportata f'pagna 34).
[90] Dan il-kumment qed isir in vista ta' dak li afferma l-konvenut waqt il-kontro-ezami fejn sostna li fil-fehma tieghu l-ammont li pretendew fl-ahhar l-atturi (i.e., dak domandat f'din il-kawza) kien ammont li hu jabbina ma' xi hadd aktar professjonalment rinomat u huwa prezz ta' professjonist li trid, addirittura, tibbukjah minn snin qabel (ara *a tergo* ta' *fol*. 366).

rimarka maghmula *in re* **Edgar Zahra v. Carmelo Vassallo** (Appell Superjuri, 5 ta' April, 1971; mhux pubblikata), meta inghad illi, "*meta parti f'kawza tipprova a kwalunkwe kost timmonta difiza ghal kollox kuntrarja ghal dak li evidentement ikun gara, ir-rizultat necessarjament ikun dak li l-Qorti ma tistax taghti ebda valur probatorju … Il-veritá infatti hija wahda u indivisibbli: Veritas una vis, una facies est (Seneca, Ep. 102, 14)*."

In aggjunta, ma giex muri li s-servizzi moghtija kienu espletati b'nuqqas ta' diligenza professjonali, b'mod imperit jew li kienu ta' kwalità inferjuri kif allegat. Mill-provi prodotti jirrizulta ghat-Tribunal li l-atturi espletaw l-inkarigu taghhom b'diligenza u dejjem ppruvaw jaqdu l-ezigenzi tal-konvenut hekk kif muri f'numerevoli *emails* li gew imressqa miz-zewg partijiet, illi fosthom hemm uhud fejn il-konvenut fahharhom jew ikkongratulhom.

Ghalhekk, tali eccezzjoni fejn din titkellem dwar imperizja u mal-ezekuzzjoni fil-kwalità hi infondata ghax mhix sorretta minn xi prova. Anzi, waqt il-kontroezami tieghu, il-konvenut jghid li d-difiza tieghu f'din il-kawza mhux imsejsa fuq il-fatt li l-attur ma wettaqx xogholu skond is-sengha u l-arti mehtiega (ghax inkella kien ikun il-konvenut li jiftah kawza kontra l-attur ghal xoghol ezegwit hazin),[91] imma jghid li, "*minhiex qed nghid illi jiena ma rridx inhallsu ghax ma uzajtx, ghax ma ghogobnix, ghax ghamel zball or whatever. Jiena l-unika kontestazzjoni li ghandi hija cara, ftehmna prezz u f'salt biddilli l-prezz; that's all*."[92] Jekk din kienet verament, u minn dejjem, il-lanjanza tal-konvenut dwar il-kwistjoni ma' l-atturi, l'ghaliex ma ressaqx difiza arginata fuq tali motiv (i.e., hlas ghas-saldu) izda minflok ghazel li jiddefendi ruhu billi jmaqdar s-servizzi rezi bhala ta' kwalità inferjuri jew hazina u bhala imperiti? Din hi domanda li t-twegiba jafha solament il-konvenut l'ghaliex ghazel li formalment (i.e., fir-Risposta) jiddefendi ruhu mod izda fis-sustanza (i.e., waqt il-kawza) jiddefendi ruhu b'manjiera alkwantu diversa.

Tali diskordja, jigi ammess, ma tantx tghin lill-konvenut peress li huwa principju rikonoxxut fid-dritt li, "*All parties to judicial proceedings have a duty to make their position clear so that the opposing party knows what is exactly being contested* " (digriet kamerali moghti fil-proceduri *in re* **E-Management Ltd v. Rebels Gaming Ltd**, Prim'Awla, Rikors Mahluf nru. 228/2013/AE tad-29 ta' Lulju, 2013)

---

[91] *a fol.* 371.

[92] *a fol.* 372. Fir-ri-ezami tieghu – u wara li sostna li l-ilment uniku tieghu kien dwar l-ammontar tal-prezz – il-konvenut prova jirranga l-posizzjoni tieghu billi jghid li anke dak miktub fir-Risposta huwa parti mid-difiza tieghu. It-Tribunal jghid biss illi kif inghad fid-decizjoni *in re* **George Micallef v. Carmelo Galea et** (Appell Superjuri, 25 ta' Jannar, 1971; mhux pubblikata), "*l-veritá la darba tigi affermata spontaneament ma tistax titbiddel imhabba konvenjenzi personali jew ekonomici: veritas una vis, una facies est (Sen. Ep. 102, 14)*."

u kif ukoll illi, "*Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impenement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja*" (**Gabriel Parnis et vs. Joseph Cucciardi et**, Appell Superjuri, 16 ta' April, 2004). Fi kliem aktar semplici – u anke bi twegiba ghal certu sottomissjonijiet maghmula fl-ahhar – id-difiza tal-konvenut kellha tigi sew elenkata u mfissra fir-Risposta tieghu sabiex kemm l-attur ikun f'posizzjoni jkun jaf sewwa sew dwar x'hiex inhi l-kontestazzjoni ta' l-imharrek u kif ukoll biex jigi facilitat il-kontradittorju quddiem l-enti gudikanti li, fl-ahhar mill-ahhar, trid tiddeciedi skond dak mitlub mill-parti attrici u dan eccepit minn dik konvenuta. Bhal premessi u t-talbiet, l-eccezzjonijiet huma hemm sabiex juru is-sisien tal-linja difensjonali intrapriza mill-imharrek u jservu wkoll ta' gwida. Certament eccezzjoni unika u alkwantu wiesa' – ghalkemm maghmula b'destrezza – f'certu sitwazzjonijiet, aktar tfixkel milli tillustra dak in kontestazzjoni.

Ghalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal hu fakoltizzat jiddeciedi abbazi ta' gustizzja ekwitattiva in virtù ta' l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, linji difensjonali ta' parti huma aspett purament ta' indoli procedurali li fihom l-ekwità m'ghandha l-ebda valur jew sahha. Kif jaghzel jimposta l-kawza parti u kif jiddeciedi jiddefendi ruhu l-avversarju huma aspetti illi fihom ma jistax jintrometti ruhu t-Tribunal u l-poter diskrezzjonali ta' l-ekwità vestita f'dan it-Tribunal ma jistax ibiddel, jimmodifika, jissupera, jirridimensjona, jfassal *de novo* jew jiskonvolgi l-imsemmija aspetti ritwali u procedurali. Salv dejjem il-kwistjonijiet t'ordni pubbliku, fl-appena msemmija aspetti, il-partijiet ghandhom privilegg kwazi assolut ta' kif jitfasslu. Ommissjoni f'tali zewg aspetti, jew wiehed minnhom, – jekk mhux debitament indirizzata skond dak li jghidu u jridu t-tlett sub-incizi ta' l-Art. 7 tal-L.S. 380.01[93] – ma jistax jigi kolmat mit-Tribunal b'impuls proprju.

[93] Art.7.(1) jghid hekk: "*Kull parti tista' waqt l-ewwel seduta titlob lill-Ġudikatur jawtorizza kull tibdil fil-kontenut ta' xi talba, kontro-talba, risposta, risposta għal kontro-talba, jew att ieħor li jkun ġie preżentat minn dik il-parti.*" Art. 7(2) jghid hekk: "*Jekk il-Ġudikatur iqis dik it-talba bħala waħda ġustifikata u raġonevoli, huwa għandu waqt dik l-istess seduta jordna lir-Reġistratur li jagħmel it-tibdil meħtieġ. Ma għandhom jitħallew isiru ebda tibdiliet oħra.*" L-Art. 7(3) jghid hekk: "*Jekk il-Ġudikatur jilqa' t-talba ta' xi parti li tibdel xi ħaġa f'talba, kontro-talba, risposta jew f'xi att ieħor, huwa għandu jara li fl-istess seduta l-partijiet l-oħra jingħataw l-opportunità li huma wkoll jitolbu xi tibdiliet fit-talba, kontro-talba, risposta jew risposta għal kontro-talba tagħhom minħabba fit-tibdiliet li jkunu ġew aċċettati mill-Ġudikatur skond is-subregola (2).*" Dwar tali disposizzjoni wiehed hu mistieden jara l-provvediment ta' dan it-Tribunal *in re* **Ivan Vella v. Joseph Pitre et** moghti fil-11 ta' Lulju, 2019.

Għalhekk, it-Tribunal huwa marbut ma' dak sollevat formalment mill-konvenut in kontestazzjoni ta' l-azzjoni u s'issa intwera li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' diligenza professjonali u nuqqas ta' kwalità m'humiex meritevoli t'akkoljiment, kemm għax ma hemm l-ebda prova konkreta u sufficjenti li tindika mod ieħor u kif ukoll minħabba l-affermazzjoni ta' l-istess konvenut fuq riportata.

Madanakollu, dwar il-lanjanza ta' dewmien, il-fatti pruvati jurru mod ieħor u jinklinaw a favur tal-konvenut.[94]

Ikollu jiġi mistqarr li l-atturi wrew ċertu inerzja f'ċertu fażijiet tal-proġett meta kienu ben konsapevoli – u mwissija numru ta' drabi – li l-konvenut kien irrikjeda li x-xogħol jimxi b'ċertu pass u b'ċertu ritmu.[95] Tant dan huwa minnu li kif muri aktar kmieni f'din id-deċiżjoni, kien hemm okkażżjonijiet fejn l-atturi skużaw ruħhom mal-konvenut u rrikonoxxew li kienu qed idumu xi ftit dwar il-proġett.

Kif diġa' rimarkat aktar kmieni, kien ikun aħjar li kieku seħħ ftehim bl-iskritt bejn il-partijiet fejn jifthemu eżattament x'inhu rikjest u f'liema terminu ta' żmien is-servizz kellu jingħata sabiex b'hekk kull parti kienet tkun taf fejn tinsab mal-parti l-oħra. Dak huwa xenarju ideali illi fil-verita' – u kif inhu risaput fil-qasam u minn dawk midħla tiegħu jew minn dawk li missew miegħu bħala kommittenti – ftit li xejn (jew rarament) jiġi addottat fir-realtà. Ikollu jiġi konfessat li għalkemm huwa minnu li f'dawn l-affarijiet ċertu dewmien huwa mistenni u li l-appaltatur igawdi minn ċertu awtonomija kif jirregola l-andament tax-xogħol,[96] inkluż ir-ritmu

---

[94] Sabiex jiġi evitat dilungar, hawnhekk it-Tribunal jirreferi għas-sentenza tiegħu *in re* **Nicolette Mahoney et v. Jacksons Co. Limited** (Tribunal Għal Talbiet Żgħar, 31 ta' Ottubru, 2019; mhux appellata) illi fiha hemm esposizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-"exceptio inadimpleti contractus" (i.e., li l-obbligazzjoni kontrattwali ma seħħitx) u dik ta' l-"exceptio non rite adimpleti contractus" (i.e., li l-obbligazzjoni kontrattwali seħħet *in parte* jew mhux kif suppost – kif għandna fil-każ preżenti), partikolarment għat-tagħlim fiha senjalat li jitkellem dwar in-natura formalistika ta' l-eċċezzjoni, x'forma din tista' tieħu u li tramite sempliċi eċċezzjoni bħal din il-binarju tat-talba attriċi jiġi mwessa' għall-kontestazzjoni aktar mifruxa, bla ħtieġa ta' talba rikonvenzjonali.

[95] Mill-elenku kronoloġiku fattwali tal-konvenut *supra*, jidher li bejn id-19 ta' Jannar, 2017 u l-11 ta' April, 2017 ma seħħx xogħol fuq il-proġett. Inoltre, wara ċirka xahar mill-ħlas ta' €1,888.00c il-konvenut bagħat *email* fis-7 ta' Ġunju, 2017 biex jistaqsi dwar il-progress fuq il-proġett u fit-8 ta' Ġunju, 2017 l-attur talbu ftit aktar żmien peress li kellu xi kwistjoni ma' impjegat inkarigat jaħdem fuq il-proġett. Sussegwentement, fit-30 ta' Ġunju, 2017 il-konvenut rega' bagħat jistaqsi lill-attur dwar l-andament tax-xogħol u l-attur wieġeb lura fit-18 ta' Lulju, 2017 b'*email* li magħha kien hemm id-diżinji tal-kamra tas-sodda. Inoltre, wara rikjesta appożita b'email datat 8 ta' Jannar, 2018 da parti tal-konvenut, għalkemm l-atturi wiegbuh l-għada d-9 ta' Diċembru, 2018 fejn għarrfuh li kienu ser jibgħatu ċertu dokumenti dakinhar stess jew massimu l-għada 10 ta' Jannar, 2018, il-konvenut kellu jibgħat *reminder* fis-27 ta' Jannar, 2018 dwar l-*email* tiegħu tat-8 ta' Jannar, 2018.

[96] F'dan ir-rigward insibu ritenut li, "*Da un lato, infatti, l'appalto si caratterizza, come abbiamo già visto, in quanto il suo oggetto è costituito dalla prestazione di un determinato risultato di lavoro, e non dalla prestazione di una certa quantità di energia di lavoro, determinata attraverso la sua durata nel tempo. Da un altro lato, l'appaltatore gode, per regola, di una certa autonomia nell'esecuzione del lavoro; e ciò porta*

tieghu,[97] f'dan il-kaz in specie l-attur kien kemmxejn tardiv oltre l-limitu ragjonevoli. Ghalkemm huwa vera li ma kienx hemm kuntratt u klawsola specifika dwar zminijiet li fihom kellu jigu prestati s-servigi u/jew dwar konsegwenzi minhabba tardività, l-aspett tad-durata tax-xoghlijiet kien wiehed mill-elementi impliciti fil-kontrattazzjoni hekk kif espressament inferit minn numru ta' *emails* tal-konvenut lill-attur li kienu jpoggu l-fattur taz-zmien bhala ingredjent essenzjali fir-relazzjoni ta' bejniethom.[98] Jekk kien hemm dewmien minhabba l-fatt li fl-istess zmien id-ditta ta' l-atturi kellhom xoghol iehor pendenti li kellhom ukoll jiehdu hsiebu,[99] din m'hijiex kawza gustifikanti di fronti ghall-konvenut kommittent peress li, kif jinsab ritenut, "*Sospensioni o anche semplici rallentamenti, sempre purché rischino di pregiudicare la buona riuscita o la tempestiva ultimazione dell'opera, non sono giustificati dal fatto che l'appaltatore debba eseguire contemporaneamente altri appalti. Tale esecuzione contemporanea gli è consentita, stante la sua qualità di lavoratore autonomo, ma ognuna non deve influire sull'altra e pregiudicarla.*" (**Rubino-Iudaca**, "Appalto", Zanichelli editori, 2007; p. 210).

F'dan ir-rigward l-attur kellu jadegwa ruhu u jikkoordina l-mezzi proprji sabiex jaghmel hiltu biex diligentement jissodisfa l-ezigenzi tal-konvenut kommittent. Dan kien obbligu insitu fir-responsabbilitajiet ta' l-atturi hekk kif puntwalizzat mid-duttrina legali dwar appalt elenkata hawn aktar 'il fuq, ossia li bhala *bonus paterfamilias* jara mhux biss li s-servizz ikun moghti skond id-dettami ta' l-ahjar arti u sengha u li jkun tal-kwalità mifthiema, izda ukoll li l-provvista tas-servizz tinghata fi zmien ragjonevoli. Il-professjonalità u d-diligenza f'dan il-kaz – tenut kont ta' l-ezigenza ta' speditezza rikjesta mill-konvenut kommittent – kienu jezigu li ma jkunx hemm dewmien ingustifikat, kemm biex jibda' l-progett u kif ukoll matul l-istess sakemm jitwettaq. Kif ritenut fid-duttrina, "*Id debitore dev'essere*

---

*a ritenere che, in certi limiti, egli possa decidere anche sulla continuatività o meno del ritmo di esecuzione*." (**Rubino-Iudaca**, "Appalto", Zanichelli editori, 2007; p. 207).

[97] Hu mghallem li, "*Entro certi limiti, determinati sopratutto dagli usi, sospensioni e rallentamenti di poca entità possono dall'appaltatore essere disposti anche a suo arbitrio; ma in ogni caso bisogna che non pongano in pericolo la buona riuscita o la tempestiva ultimazione dell'opera. Oltre questi limiti, invece, devono essere giustificati da rgioni particolari.*" (**Rubino-Iudaca**, *op. cit.*, p. 208).

[98] Fl-*email* tad-9 ta' Novembru, 2016 il-konvenut kiteb lill-attur li, "*For me to be comfortable to proceed I would require a timeline as we are a little particular on the timing. Ideally this project would be completed with all trades out of the house by end February* [2017]." (*a fol*. 268). Fl-*email* tad-19 ta' Lulju, 2017 il-konvenut wera' t-thassib tieghu li x-xoghol miexi b'pass bil-mod u fejn il-konvenut xtaq "*some personal attention so that we can conclude the project*" u fejn ukoll kiteb li, "*I would have thought that by now you would have sent me the whole project and not just one room. As you can understand doing any works in a house where people are living is a bit uncomfortable due to the constant mess and inconvenience caused by workers. At this point my next mile stone is Christmas* [2017] *where the whole thing must be ready at least two weeks before*." (*a fol*. 299).

[99] Kif diga' muri *supra*, fl-*email* datat 11 ta' April, 2017 l-attur informa lill-konvenut li ma kienx hadem fuq il-progett peress li kien qed jistenna xi dettalji minghand il-konvenut u anke l'ghaliex kien impenjat b'xoghol iehor (ara *a fol*. 279).

*condannato al risarcimento de' danni tanto per l'inadempimento dell'obbligazione, quanto pel ritardo all'esecuzione, ancorchè non sia concorso da parte sua malafede, ove non provi, che l'inadempimento sia derivato da una causa estranea, a lui non imputabile*." (**Vittore Vitali**, "Del Danno", Piacenza 1892, 2ª edizione, §117; pp. 83–84).

Ghalhekk, f'dan is-sens, it-Tribunal ihoss illi l-ammont rikjest mill-attur ghandu jigi temperat sabiex id-diminuzzjoni relattiva tpatti ghat-tardività ta' l-atturi u biex b'hekk jinstab dak l-ekwilibriju bejn l-interessi ta' l-atturi (li jezigu kumpens ghas-servizzi minnhom rezi) u dawk tal-konvenut (li jippretendi li jigi lilu rikonoxxut il-pregudizzju soffert minhabba d-dewmien). Fil-fehma tat-Tribunal, m'hemmx htiega li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-konvenut kellu jgib prova ta' xi hsara specifika minnu sofferta dovuta ghad-dewmien jew ghar-rallentament tar-ritmu fil-progett.[100] Dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwel wahda hi ghaliex it-Tribunal jemmen illi *in se* u *per se* l-fattur 'tradività' hi riflessjoni ta' certu grad ta' inadempjenza u anke jekk mhux tant gravi (jew dovuta ghal malafede), ghandha tinghata valur fl-ekwazzjoni tal-fatti kif evolvew fuq bazi ta' gustizzja ekwitattiva.[101] It-tieni raguni – rikollegabbli ghall-ewwel wahda – hija ghaliex l-esperjenza turi kemm huwa ferm difficli li, f'kazijiet bhal dawn, ir-riperkussjonijiet (jew konsegwenzi) tad-dewmien jistghu jigu determinati bi provi diretti u tangibbli.

Tali diminuzzjoni, fil-fehma tat-Tribunal (animat b'ekwità u fuq bazi *arbitrio boni viri*), ghandha tkun ta' sitt mitt ewro (€600.00c) biex b'hekk minflok tlett elef u mitejn ewro (€3,200.00c) dan jigi ridott ghal elfejn u sitt mitt ewro (€2,600.00c), li maghhom imbaghad tizdied it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' erbgha mija u tmienja u sittin ewro (€468.00c) biex b'hekk l-ammont ahhari komplessiv ikun ta' tlett elef u tmienja u sittin ewro (€3,068.00c) [i.e., €2,600.00c onorarju professjonali + €468.00c VAT].

Illi fil-kwadru intier tal-prezenti vicenda u kif progressaw l-affarijiet bejn il-partijiet (li wassluhom ghall-prezenti litigju), dan it-Tribunal jhoss li ghandu josserva *obiter*

---

[100] "*Se non che, la valutazione del danno e la misura del risarcimento dipendono da molteplici circostanze ed elementi di fatto, non possono stabilirsi criterii a priori, dei quali devesi tener conto; e perciò viene al giudice concessa certa larghezza di apprezzamento, ed il giudizio che pronuncia, versando sul merito, non soggiace al controllo del magistrato superiore*." (*cfr.* **Vittore Vitali**, *op. cit.*, §123; p. 88)

[101] "*Incombe sul committente, il quale agisca contro l'appaltatore per ottenere il riasrcimento del danno da ritardo nella consegna della opera, l'onere di provare il ritardo stesso, quale fatto che costituisce il fondamento del diritto al risarcimento. L'entità del danno, causato dall'appaltatore al committente per avere ritardato la consegna di un appartamento di abitazione, può, in difetto di altri elementi di prova, essere liquidata in via equitativa, avendo riguardo ai canoni locativi di abitazione analoghe, che rappresentano l'equivalente pecuniario del mancato godimento dell'immobile per un certo tempo*." (**Mauro Rubino-Sammartano**, "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2ª edizione; §21.1, p. 483).

dak li gej.

Stabbilit li bejn il-partijiet kien hemm inter-relazzjoni kuntrattwali (ta' *locatio operis*), minn dan jiddixxendi li ghal tali rabta kienu japplikaw l-implikazzjonijiet generali li johorgu mill-Art. 993 tal-Kodici Civili, primarjament tal-principju ta' bona fidi li jipprevadi kull u kwalsiasi obbligazzoni li tigi assunta, mahluqa u/jew mifthiema.

Ghalhekk, inkwadrat b'dan il-mod, ghandu dejjem u f'kull waqt – partikolarment f'kontrattazzjoni – jirrenja l-principju ta' bona fidi.[102] Il-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana (kaz nru. 960 tat-18 ta' Frar, 1986) qalet illi, "*La buona fede, intesa in senso etico, come requisito della condotta, costituisce uno dei cardini della disciplina legale delle obbligazioni e forma oggetto di un vero e proprio dovere giuridico, che viene violato non solo nel caso in cui una delle parti abbia agito con il proposito doloso di recare pregiudizio all'altra, ma anche se il comportamento da essa tenuto non sia stato, comunque, improntato alla diligente correttezza ed al senso di solidarietá sociale, che integrano, appunto, il contenuto della buona fede* " (*cfr*. **Gianluca Falco**, "La Buona Fede e l'Abuso del Diritto", Giuffrè ed. 2010; p. 9). Skond l-istess qorti estera (kaz nru. 20399 tat-18 ta' Ottubru, 2004), "*il comportamento seconda buona fede e correttezza del singolo contraente è finalizzata, nel rispetto del contemperamento dei rispettivi interessi, ad una tutela delle posizioni aspettattive dell'altra parte; in tale contesto è legittimo configurare quali componenti del rapporto obbligatorio i doveri strumentali al soddisfacimento dei diritti delle parti contraenti, cosicchè è stato ritenuto che anche la mera inerzia cosciente e volontaria, che sia di ostacolo al soddisfacimento del diritto della controparte, ripercuotendosi negativamente sul risultato finale avuto di mira nel regolamento contrattuale degli opposti interessi, contrasta con i doveri di correttezza e di buona fede e può configurare inadempimento* " (*ibid*., p. 286). L-istess binarju ta' hsieb jinsab traccjat fis-sentenza ta' l-imsemmija qorti barranija datata l-4 ta' Marzu, 2003 (kaz nru. 3185) fejn hemm affermat li, "*la buona fede nell'esecuzione del contratto si sostanzia, tra l'atro, in un generale obbligo di solidarietá che impone a ciascuna delle parti di agire in modo da preservare gli interessi dell'altra a prescindere tanto da specifici obblighi contrattuali, quanto dal dovere extracontrattuale del* neminem lædere*, trovando tale impegno solidaristico il suo limite precipuo unicamente nell'interesse proprio del soggetto, tenuto, pertanto, al compimento di tutti gli atti giuridici e/o materiali che si rendano necessarì alla*

[102] Fuq il-principju ta' bona fidi ara s-sentenza *in re* **Carmelo Bonello et v. Concetta Farrugia** (Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007) u dik *in re* **Michael Gatt et v. Joseph Portelli** (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2008).

*salvaguardia dell'interesse della controparte nella misura in cui essi non comportino un apprezzabile sacrificio a suo carico* " (*ibid*., p. 286).

Minn dan it-taghlim johrog illi l-bona fidi tippervadi kull kontrattazzjoni, sia jekk hi sinallagmatika[103] jew bilaterali (bhal m'huma l-konvenju jew il-kompravendita), wahda unilaterali (bhal m'huma t-testament jew id-donazzjoni) jew kuntratt bejn aktar minn zewg kontraenti (bhal m'hi l-krejazzjoni ta' *"joint venture*" bejn tliet entitajiet jew izjed jew l-ftehim ta' sub-inkwilinat meta jidher is-sid flimkien ma' l-inkwilin u s-sub-inkwilin). Tant hu hekk, illi l-bona fidi hi dejjem prezunta, salv il-prova kuntrarja ai termini ta' l-Art. 532 tal-Kodici Civili. Issa, mill-imsemmi Art. 993 wiehed jiddezumi illi fl-intenzjoni tal-legislatur patriju, l-principji ta' bona fidi u ta' korrettezza huma intizi bhala rekwiziti etici fil-kondotta tal-partijiet f'kull rapport obbligatorju, ossia bhala kriterji ta' reciprocità, finalizzati, in sostanza, biex izommu r-rapport guridiku ezistenti bejn il-partijiet f'binarju wiehed, ekwilibrat u proporzjonali. B'dan rilevat, tali principji jsejhu lill-kreditur biex jiehu qies ta' l-interessi tad-debitur tieghu u, fl-istess waqt, jirrikjamaw l-attenzjoni tad-debitur ghall-interessi tal-kreditur.

Agguntivament, il-bona fidi hi dik il-mizura komportamentali li kull kontraent hu mistenni li jhaddan qabel, waqt u wara l-kontrattazzjoni, mhux biss in rispett tan-norma kodifikata fl-imsemmi Art. 993, u mhux biss in konformità mal-principju generali ta' "alterum non lædere",[104] izda anke in kollegament man-norma komportamentali ta' "bonus pater familias" statwita fl-Art. 1132(1) tal-Kodici Civili. Il-bona fidi hi regola li minnha titwieled dik l-obbligazzjoni fiducjarja bejn il-kontraenti illi, vicendevolment, igibu ruhhom b'manjiera korretta wiehed *versu* l-iehor, ossia li kontraent, filwaqt li jippersegwi l-interessi proprji, jhares ukoll dawk tal-kontraent l-iehor. Il-bona fidi, ghalhekk, tista' tissejjah bhal dik l-obbligazzjoni ta' fiducja, inerenti ghal jew abbinata ma' kull pattwizzjoni, kemm singola u kif

---

[103] "*da sinallagma, che è dal greco* synàllagma *accordo, da* synallàsso *stipulare, composto da* syn *insieme e* allàsso *prendere e dare in cambio. Si tratta di una parola del lessico giuridico: è un gran parolone, ma non vano, infatti ha un significato molto preciso e rilevante. Si dice sinallagmatico quel negozio che fa sorgere delle obbligazioni corrispettive fra le parti contraenti. Il caso più semplice di contratto sinallagmatico è la compravendita: io ti consegno un oggetto, tu mi versi un prezzo. Questa parola mette in luce un equilibrio di interessi naturale e curioso: la mia prestazione trova la sua causa nella tua prestazione. Il sinallagmatico resta quindi ciò che è caratterizzato da reciprocità: ad esempio, non sono sinallagmatici un testamento, un comodato, una donazione; invece lo sono compravendita e locazione. Fuori dal gergo giuridico, difficilmente questa parola può essere usata; ciononostante, il concetto che offre è importante: ci parla di una reciprocità concreta, tabellare, su cui fondiamo la nostra vita sociale*." (*cfr*. http://unaparolaalgiorno.it/significato/S/sinallagmatico).

[104] Imsarraf f'deskrizzjoni guridika dan il-kuncett ifisser kemm "*una regola di comportamento, quanto un precetto la cui violazione comporta la sanzione della responsabbilitá civile*." (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "L'Illecito", Giuffrè 2ª ed., 2010; p. 30). Tinfetah parentesi biex jigi sottolinejat li dan mhux kuncett distakkat mil-ligi skritta (ad ezempju, l-Art. 1031 u l-Art. 1125 Kodici Civili domestiku) izda wiehed illi, "*è statisticamente dimostrato che il neminem lædere si sia conquistato 'sul campo' un proprio diritto di cittadinanza nel sistema*." (*op. cit.*, p. 31).

ukoll kollettiva, kemm semplici u kif ukoll komplessa, civili jew kummercjali, li tohrog minn negozju bejn tnejn jew aktar individwi, liema obbligazzjoni komportamentali tassigura li parti kontraenti tinsab b'onestà u b'sincerità tintrabat ma' dak promess jew pattwit f'rapport guridiku li jkun qed jigi mnissel.

Tali bona fidi kellha tithaddan mill-partijiet interessati f'dan il-kaz. Indipendentement jekk is-servizzi sehhewx sew, jekk inghatawx b'diligenza u skond il-kwalità mistennija, certa inerzja ta' l-atturi di fronti ghall-ezigenzi tal-konvenuti ma tantx tirrifletti ghemil li ha kont ta' l-interessi tal-kommittenti taghhom meta l-istess kommittent kien qed jurihom mill-bidu nett li kien jirrikjedi servizz f'certu zmien. Min-naha l-ohra, il-kommittent ma jistax jistenna li jinghata servizz u minnu jislet il-frott u jibbenefika minnu minghajr ma jindennizza lil min fornieh billi jeskogita argumenti li ma jattaljawx mas-sewwa tal-grajja.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, it-Tribunal jehtieg iwettaq rimarka brevi u dan fid-dawl ta' diversi punti u aspetti li gew espressi fit-trattazzjoni ta' l-gheluq ta' dan il-kaz u anke minhabba certa aspettattivi tal-kontendenti, jew xi wiehed minnhom.

Ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idonei biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erronea (ara f'dan is-sens *vide* **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati*

*espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "**MASSIMARIO DELLA GIURISPRUDENZA ITALIANA**" Anno XLVII – 1977; UTET 1979, massima nru. §444 riportata f'pagna 107).

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jakkolji parzjalment l-eccezzjoni tal-konvenut izda jichadha fil-bqija taghha, jilqa' t-talba ta' l-atturi skond dak li gej:

**I.** Jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi is-somma ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600.00c) li maghha ghandha tizdied it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (VAT) fl-ammont ta' erbgha mija u tmienja u sittin ewro (€468.00c), li b'kollox igibu tlett elef u tmienja u sittin ewro (€3,068.00c), rapprezentanti din l-ahhar somma l-bilanc finali dovut mill-konvenut ghax-xoghol ta' *interior design* u konsulenzi relatati provdut mill-atturi;

**II.** Jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma hawn fuq indikata fl-ammont ta' tlett elef u tmienja u sittin ewro (€3,068.00c), bl-imghax bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600.00c)[105] dekorribbli mis-7 ta' Lulju, 2018[106] sad-data tal-pagament finali u effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – minhabba n-natura tal-kaz, l-fatt li l-pretiza attrici ma gietx akkolta fl-ammont originarjament propost, li d-difiza giet parzjalment akkolta u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[105] L-imghax ghandu jiddekorri solament fuq l-ammont ta' €2,600.00c bhala onorarju professjonali, stante li €468.00c huma Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (VAT), ossia import ta' natura fiskali li ma jistax jattira imghaxxijiet a favur ta' l-atturi.
[106] Data tan-notifika ta' l-atti processwali lill-konvenut (ara *a tergo* ta' *fol*. 10).